# Mikiel Caruana P.E.P

## 1904 - 1965

(Kitba ta': *Carmelo P. Baldacchino*)

### Miż-Żejtun għal Tas-Sliema

Mikiel Caruana twieled fiż-Żejtun, nhar is-6 t'Awwissu 1904. Bin Alfons Maria Caruana u Ġużeppina mwielda Galea. Sa minn ċkunitu Mikiel trabba mill-ġenituri tiegħu fil-biża u l-imħabba t'Alla u għall-ewwel ngħata edukazzjoni reliġjuża u skolastika mill-ġenituri tiegħu stess, li għallmuh biex il-quddiesa ta' kuljum ma jfallihiex. Meta kiber ftit, hu kompla l-istudju tiegħu fi *Stella Maris College*, *St. Paul's School*, u għand il-*Freres*, fejn kien imur tajjeb fl-eżamijiet. Is-Sur Fons Maria, missieru, kellu negozju lejn Tas-Sliema u allura ħtieġlu jmur jogħod bil-familja f'dawk l-inħawi, iżda qatt m'abbanduna raħal twelidu. Fost in-negożji li kellu f'Tas-Sliema, Caruana kellu dak tax-*Chalet* f'Għar id-Dud, fejn kien ikun hemm divertiment kull filgħaxija, kemm għall-Maltin kif ukoll għall-barranin, l-aktar in-nies tas-servizzi, li dak iż-żmien kienu numerużi ħafna.

### Is-Sur Fons Maria President tal-Banda

Is-Sur Fons Maria kellu jkun il-President tal-Banda Beland fiż-Żejtun, wara li għal bosta snin kien ukoll segretarju tal-istess Banda. Għalhekk missieru kien spiss iġib lil Kelinu miegħu meta jiġi fiż-Żejtun, u m'hemmx dubju li kien jgħaddi sal-kazin tal-Banda. Fil-fatt is-Sur Fons dam President tal-Banda Beland mill-1915 sal- 1926. Wara din id-data ma kkontestax aktar għal din il-kariga minħabba l-pressjoni tax-xogħol li kellu. Is-Sur Fons kien ukoll President tal-Banda Stella Maris ta' Tas-Sliema.

### It-Twaqqif tal-*Labour Jazz Band*

Fl-1926 wara li missieru ma ħariġx aktar għall-President, Kelinu Caruana, li kien ilu jiffrekwenta l-Kazin sa minn ċkunitu, tħajjar jikkontesta hu stess l-elezzjoni għall-President. Din ma kienet xejn ħafifa għalih. Minkejja l-ħafna ħbieb li kellu fil-Kazin tal-Banda Beland, ġara li daħlet il-politika fin-nofs. Kelinu kien se jikkontesta l-Elezzjoni Ġenerali tal-1927 fi ħdan il-Labour Party, u fil-kazin kien hemm kontestant ieħor li jħaddan twemmin ieħor. Ġara li dawk li kellhom sentimenti politiċi Laburisti ivvotaw għas-Sur Kelinu Caruana, filwaqt li dawk li kellhom sentimenti politiċi Nazzjonalisti ivvotaw għas-Sur Alfred Cachia Zammit, li allura sar President tal-Banda Beland. Din il-pika ma waqfitx hawn, għaliex ħafna min dawk li kienu jappoġġjaw lis-Sur Kelinu ħarġu 'l barra mill-kazin u ma rritornaw qatt iżjed.Tant kienet ħarxa din il-firda li dawk li ħallew il-kazin Beland iffurmaw soċjeta` għalihom, li huma semmew *Labour Party Jazz Band*, peress li għall-ewwel il-bandisti kienu ftit fin-numru. Aktar 'l quddiem bidlu l-isem fl-*Labour Party Band*, u wara *Żejtun Band Club* biex illum saret l-Għaqda Banda Żejtun.



*Is-Sur Mikiel Caruana*

### Żmien imqalleb

Is-snin 20 kienu żminjiet diffiċli ħafna għall-Partit Laburista li kellu ħafna nkwiet mal-Awtoritajiet Ekklesjastiċi. Hekk li l-*Labour Jazz Band* ma kienetx tingħata permess biex tieħu sehem fil-festi tar-raħal, għaliex biex tieħu sehem kien ikollna bżonn il-firma tal-Arċipriet, li ma kienx jagħti dan il-permess, peress li kienu *Jazz Band* politika. Dan minħabba l-pika politika fil-festi tar-raħal. Kellha tkun l-Awtorita` Ċivili li fl-1930 tat permess lill-*Labour Party Band* biex tieħu sehem fil-festa tar-raħal. Ta' minn isemmi li meta l-Jazz Band Laburista taż-Żejtun saret il-Labour Party Band hi kienet taħt it-tmexxija ta' l-ewwel surmast tagħha Onorato Gauci.

### Kandidat fl-Elezzjoni Ġenerali

Infatti s-Sur Kelinu Caruana kkontesta l-elezzjoni f'isem il-Partit Laburista fis-sena 1927, iżda fl-elezzjoni ta' wara, minħabba l-inkwiet li kien inqala' mal-knisja fis-snin 1928 - 31 hu kkontesta l-elezzjoni tal-1932 taħt l-isem tal-Partit tal-Ħaddiema Independenti. Peress li fl-ebda elezzjoni ma ġie elett, Kelinu abbanduna l-politika fl-1933, mingħajr ma' nesa' lill ħutu l-ħaddiema. Kien kompla jaħdem fi ħdan il-moviment, tant li ġie maħtur Segretarju Ġenerali tal-Partit bejn l-1930 sa l-1932. Hu beda jippubblika l-ġurnal tal-ħaddiema "Id-Dawl" u f'dan l-istess żmien deher ukoll quddiem il-Kummisjoni Rjali.

### Editur tal-"Leħen is-Sewwa"

Kelinu Caruana kien bniedem reliġjuż, u meta allura ra l-inkwiet tal-għaqda tiegħu fiż-Żejtun mal-knisja, hu ma kkontesta l-ebda kariga fil-kumitat tal-*Labour Party Jazz Band* u lanqas wara li saret il-*Labour Party Band*, avolja tista' tgħid il-firda mill-Banda Beland tista' tgħid li saret minħabba fih! Hekk hu għażel li jibda' jaħdem fuq l-istaff editorjali tal-Leħen is-Sewwa, u ġie wkoll maħtur Viċi President tal-Federazzjoni tal-Ġuvintur tal-Azzjoni Kattolika, mill-1937 sa 1943. Inħatar ukoll Assistent Editur u Redattur kap tal-Leħen, mill-1935 sa 1939, u aktar tard Editur tal-istess ġurnal mill-1939 sa 1942. Bit-tħabbrik tiegħu dan il-ġurnal beda joħroġ kuljum. Kien l-istess Arċisqof Mons. Dom Mauro Caruana li nnomina lil Kelinu Editur ta' dan il-ġurnal. Wara nnominah ukoll President Ġenerali tal-Fergħa Ġuvintur tal-Azzjoni Kattolika, 1943 u *Chairman* tal-*Youth Consultative Council* Malti fil-*World Assembly of Youths (W.A.Y.)* li saret f-Itacha, New York fl-1951.

### President Ġenerali tal-Azzjoni Kattolika Maltija

Is-Sur Kelinu ġie nominat Segretarju tal-Ġunta għall-Koordinament tal-Għaqdiet Kattoliċi fl-istess sena, irrappreżenta l-organizazzjonijiet Kattoliċi fl-ewwel kungress mondjali tal-*Lay Apostolate*, Segretarju tal-Kungress Marjan u Segretarju Ġenerali tal-Azzjoni Kattolika Maltija. Huwa sar il-Fundatur u President tal-Kummissjoni Emigranti tal-A.K.M. u rrappreżentaha fil-Kungress Internazzjonali ta' Breda, fl-Olanda. Kien hu li beda l-pubblikazzjoni tal-fuljett "Lil Ħutna," perjodiku għal ħutna Maltin imxerrda ma' ħafna pajjiżi. Irrappreżenta ukoll l-A.K. fil-Fondazzjoni Internazzjonali taż-Żgħażagħ Kattolika f'Ruma u wkoll ta' l-Irġiel Kattoliċi f'Lourdes, fl-1948. Fis-sena 1956 ġie nominat President Ġenerali tal-A.K. Maltija minn Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi, flok l-Avukat Herbert Ganado, li kien iddimetta minħabba l-politika. Is-Sur Kelin kien ukoll il-fundatur tal-Opra Kruċjatini tal Madonna, li f'qasir żmien ġabret fiha aktar minn 22,000 tifel u tifla. Din l-għaqda wkoll kienet fi ħdan l-A.K.M. Hu waqqaf il-moviment tal-*Youth Centres* u għall-diversi snin kien editur tar-revista tal-A.K. "Il- Ħuġġieġa," li dam joħroġ sal-1957. F'Jannar 1952, beda jippubblika r-rivista il-Mużika f'Malta u għal xi żmien kien ukoll editur tal-ġurnal "Il-Kotra".

Ippubblika diversi artikli bil-Malti u bl-Ingliż fil-ġurnali lokali b'tema ta' nteress soċjali, kif ukoll il-ktejjeb "Il-Bniedem u x-Xirka". Fis-Sena Mqaddsa tal-1950 kien Ruma flimkien ma' Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi, li allura ħa l-okkazzjoni biex jippreżentah lill-Q.T. il-Papa Piju XII li ta l-barka speċjali tiegħu lill-A.K.M. "Dan kien wieħed mill-aktar mumenti sbieħ u ta' sodisfazzjon ta' ħajti," qal Kelinu lil Mons. Gonzi.

### L-Onorefiċenża "Pro Ecclesia et Pontifice"

Kien l-istess Mons. Gonzi li mbagħad talab lill-Q.T. il-Papa Ġwanni XXIII biex jagħti xi forma ta' unur lil Mikiel Caruana. Il-Papa laqa' din it-talba u għoġbu jonora lil Kelinu bil-midalja *"Pro Ecclesia et Pontifice"*. Dan kien mhux biss unur għalih personalment, imma wkoll għall-A.K.M. u għaż-Żejtun. Hekk il-ħidma kollha tiegħu fil-ġurnaliżmu mindu kien zgħażugħ kienet apprezzata, speċjalment it-traduzzjoni tal- ktieb dwar il-ħajja ta' Pier Giorgo Frassati. Din l-aħbar tal-onorefiċenża ġiet milqugħa tajjeb ħafna minn dawk kollha li kienu jinteressaw ruħhom fil-ħajja ta' ulied Malta. Is-Sur Kelin kien bnieden modest ħafna u ma tantx kien jieħu gost bil-pubbliċita` jew unuri. Hu għadem ħafna fil-pjan ta' rikostruzzjoni spiritwali bbażata fuq is-seba' sagramenti. Hu ħabbrek ukoll għall-bini tal-istitut Kattoliku, u kien sa mill-bidu membru tal-kumtat tiegħu, sakemm dan il-bini sar realta`.

### Festin f'ġieħu fl-Istitut Kattoliku

Għall-okkazzjoni ta' l-għoti tal-onorefiċenza tal-midalja P.E.P. kien sar festin f'ġieħ is-Sur Kelin Caruana organizzat mill-A.K.M. fl-Awditorium tal-Istitut Kattoliku fil-Furjana, nhar il-Ġimgħa 22 ta' Frar 1963 fil-preżenża ta' Mons Arċisqof Mikiel Gonzi u l-Isqof Emm. Galea, flimkien ma' diversi nies prominenti ekklezjastiċi u ċivili u għadd ta' diriġenti tal-A.K.M. Dak in-nhar is-Sur Caruana ġie ppreżentat bil-midalja P.E.P. minn Mons. Gonzi u Mons. Galea li ġew milqugħa bil-Marcia Pontifiċia kantata mill-Kor Cantante Domino taż-Żurrieq taħt it-tmexxija ta' Dun Mikiel D'Amato. Wara sar diskors mill-Kan.Ġużeppi Bonnici, li tkellem fit-tul fuq is-Sur Caruana u l-ġerarkija tal-knisja. L-oratur ħeġġeġ lill-membri tal-A.K. biex jimitaw lil Kelinu. Inqrat poeżija "Nifirħu Miegħek" mill-Kan. Vinċenz Ciappara, u kien hemm xi kelliema oħra, fosthom Mons. Edgar Salomone u s-Sur Pawlu Saliba L.P. U hekk wasal il-mument tal-akbar entuzjażżmu meta Mons. Gonzi tela' fuq il-palk u waħħal fuq sider Kelinu Caruana l-midalja tal-Papa. Wara ġie spjegat id-dokument pontifiċju tal-konferiment, li kien iffirmat mill-E.T. Mons. Arċisqof Dell' Acqua, fost il-ferħ u ċapċip ma jaqta' xejn ta' dawk preżenti. Wara s-Sur Kelinu Caruana rringrazzja lil Mons. Gonzi li kien rrakomandah lill-Papa għal din l-onorefiċenza. Qal li din kienet ġiet mogħtija lil dawk kollha li ħadmu miegħu, kemm fl-A.K.M. u kemm f'postijiet oħra. Huwa semma diversi episodji ta' ħajtu, kemm dawk ta' qtigħ il-qalb u kemm ukoll oħrajn ta' ferħ. Hekk semma l-mument li ma jintesa qatt, meta kien ġie ppreżentat lill-Papa, u dan tah il-barka tiegħu.

### Il-mewt ta' Kelinu

Kelinu baqa' jaħdem fi ħdan l-A.K.M. bħal President Ġenerali tul l-kumplament ta' ħajtu. Kien nhar l-20 ta' Diċembru 1965 li ġriet l-aħbar doloruża li hu kien miet fl-età ta' 61 sena fl-Isptar San Luqa. Sarlu servizz funebri li kien jixraqlu f'Tas-Sliema fejn kien joqgħod. Wara ġie trasportat lejn iż-Żejtun fejn ġie midfun fil-qabar tal-familja fiċ-Ċimiterju ta' San Rokku. Bniedem bħal dan, li ftit Żwieten jafu bih, speċjalment dawk ta' età medja, jixraqlu li jkun mfakkar għall-ħidma tiegħu, fost il-ħaddiema u fost iż-Żwieten. Ħadem b'ruħu u ġismu favur ir-reliġjon kemm f'Malta kif ukoll barra xtutna, kif ukoll fil-qasam tal-għajnuna soċjali fi ħdan l-A.K.M.